MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 262/2008

**Customs and Freight Agency Limited**

**-vs-**

**Alpha Farma Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fis-17 ta’ Marzu 2008 li permezz tiegħu s-soċjeta’ Alpha Farma Limited ppremettiet:

1. Illi s-soċjeta’ intimata kienet ħarġet numru ta’ fatturi għal servizzi ta’ *freight forwarding* u *customs clearance* prestati lis-soċjeta’ rikorrenti in konnessjoni max-xogħol ta’ importazzjoni / esportazzjoni tas-soċjeta’ rikorrenti;

2. Illi l-fatturi kienu jkopru kemm drittijiet kif ukoll spejjeż li allegatament ħarġet is-soċjeta' intimata għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti;

3. Illi s-soċjeta' rikorrenti daħlilha suspett illi l-ispejjeż li qed tiġi mitluba tirrimborża kienu foloz u filwaqt li tterminat il-kuntratt tas-servizzi mas-soċjeta' intimata talbet lis-soċjeta' intimata tiġġustifika l-ammont pretiż billi tipproduċi r-riċevuti tal-ħlasijiet li hija għamlet;

4. Illi minkejja diversi wegħdiet li dan ser isir, dan ma sarx;

5. Illi fit-8 ta' Awissu 2007 is-soċjeta' intimata ppreżentat żewġ ittri uffiċjali *ai termini* tal-Art 166A (Dok A) u (Dok B) għall-ammont pretiż u fl-4 ta' Settembru saru d-debiti risposti (Dok C U Dok D) fejn it-talba ġiet opposta;

6. Illi fl-4 ta' Ottubru 2007 ġie ppreżentat rikors maħluf bi proċedura sommarja speċjali *ai termini* tal-Art 167 tal-Kap. 12 fejn is-soċjeta' intimata bil-ġurament ta' Kevin Attard iddikjarat li sa fejn jaf hu s-soċjeta' Alphafarma Limited ma kellhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba fl-imsemmi rikors maħluf, u dan minkejja li kien jaf ben tajjeb li t-talba hija opposta kif ukoll ir-raġunijiet għaliex;

7. Illi ma' dak ir-rikors maħluf ġie ppreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju u li allura ġie notifikat lil Alpha Farma. Hekk kif id-diretturi saru jafu b'dan is-sekwestru u qabel ma ġiet notifikata l-kawża ssejħet laqgħa fit-8 ta' Ottubru 2007 ma' Kevin Attard u l-Avukat Dr. Francesco Depasquale fejn ġie miftiehem verbalment dan li ġej:

- Alpha Farma kellhom iħallsu lil Customs and Freight Agency Limited disat elef tliet mija u sbatax-il Ewro u disgħa u erbgħin Ewro ċenteżmi (€9,317.49) (ekwivalenti għal (Lm4,000) erbat elef Liri Maltin) mill-ammont pretiż u li ma kienux kontestati;

- Kellu jitqabbad bi ftehim l-Avukat Ian Crockford propost mill-avukat ta’ Customs and Freight Agency Limited, biex jeżamina d-dokumenti u jqabbilhom mar-riċevuti tal-ispejjeż li allegatament għamlet Customs and Freight Agency Limited għan-nom ta’ Alpha Farma;

- Kellu jiġi ritirat l-mandat ta’ sekwestru immedjatament;

- Alpha Farma ma kellhiex tipproċedi bi proċeduri għall-frodi mal-Pulizija dwar l-irregolaritajiet fit-talba għall-ħlas tal-ispejjeż;

8. Illi dan kollu sar kif miftiehem ħlief li meta l-avukat ta’ Customs and Freight Agency Limited avviċina lill-Avukat Crockford biex jagħtih l-inkarigu dan ma aċċettax għar-raġunijiet ta’ pressjoni ta’ xogħol;

9. Illi fis-17 ta’ Ottubru 2007 tidher notifika pożittiva tar-rikors ġuramentat fil-process liema notifika Alpha Farma ssostni li qatt ma saret;

10. Illi fl-ewwel dehra (1 ta’ Novembru 2007) deher l-Avukat Depasquale u nforma l-Qorti li għaddejjin trattattivi bil-ħsieb li l-kwistjoni tiġi rranġata barra l-Qorti, (kopja waħda tas-seduta Dok. E anness);

11. Illi fis-seduta tat-12 ta’ Diċembru 2007 reġa’ deher l-Avukat Depasquale u filwaqt li rriduċa t-talba b’€9,317.49 (ekwivalenti għal Lm4,000) *stante* pagament fil-mori, informa l-Qorti li t-trattattivi ma wasslu mkien u b’hekk f’dik is-seduta l-Qorti totalment żvijjata mill-fatti mressqa għall-konsiderazzjoni tagħha, u fil-kontumaċja tas-soċjeta’ intimata, iddeċidiet it-talba u kkundannat lil Alpha Farma tħallas sbatax-il elf, erba’ mija u sitta u tmenin Ewro u sittin Ewro ċenteżmi (€17,486.60) (ekwivalenti għal sebat elef, ħames mija u sebgħa liri Maltin (Lm7,507)) bl-imgħaxijiet b’effett mit-8 ta’ Awissu 2007, u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ Alpha Farma;

12. Illi għalhekk jidher illi s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2007:

i. Ittieħdet bil-qerq ta' Customs and Freight Agency Limited bi ħsara ta' Alpha Farma;
ii. Meta r-rikors ġuramentat ma kienx notifikat regolarment lis-soċjeta' Alpha Farma;

iii. Ġiet bażata fuq dokumenti li fil-mori tal-kawża ser jiġi ppruvat li huma foloz;

iv. Giet mogħtija qabel ma r-rikorrent kien jaf b'dokumenti li ser jiġu preżentati fil-mori tal-kawża u li ma setgħux jinġiebu qabel is-sentenza.

13. Illi għalhekk jidher li hemm lok għal ritrattazzjoni *ai termini* tal-Art 811 (a) (b) (k) u (l);

Għaldaqstant titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi jogħġobha tħassar is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2007 fl-ismijiet "Customs and Freight Agency Limited vs Alpha Farma Limited" (Ċit. Nru 1034/2007) sabiex tiġi ritrattata u deċiża mill-ġdid bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimate, inklużi tal-mandat ta' sekwestru Nru. 263/08 u tal-kontromandat ta' sekwestru Nru. 264/08 ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' Alpha Farma Limited u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited, ippreżentata fit-22 ta' April 2008, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi t-talbiet kif intavolati mis-soċjeta' Alpha Farma Limited għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi dina hija biss tentattiv ulterjuri sabiex jiġi eluż id-dritt lis-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited tiġbor dak illi huwa dovut lilha, u dana wara illi intavolat kawża sabiex tiġbor tali flejjes, għal liema kawża s-soċjeta' Alpha Farma Limited, għalkemm debitament notifikata, qatt ma għamlet

sia l-preżenza tagħha, kif ukoll kwalsiasi tip ta' rappreżentazzjoni sabiex tiddefendi l-każ tagħha;

Illi s-soċjeta' ritrattanda Alpha Farma Limited qiegħda, permezz tal-preżenti azzjoni, tipprova tqarraq illi dina l-Qorti b'argumenti bla bażi u intiżi unikament sabiex jiżvijaw dina l-Qorti billi tpinġi sitwazzjoni fejn tqiegħed f'dell ikrah kemm is-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited, kif ukoll, fuq il-konsulent legali tas-soċjeta', u dana għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Is-soċjeta' ritrattanda tipprova tgħid illi hija qatt ma ġiet notifikata bil-proċeduri meħuda kontra tagħha Ċit Nru 1034/2007JRM, mentri attwalment, id-dokumentazzjoni uffiċjali turi biċ-ċar illi huma ġew debitament notifikati fis-17 ta' Ottubru 2007;

2. Is-soċjeta' ritrattanda tallega illi, fit-8 ta' Ottubru 2007, hija sejhet laqgħa u sar ftehim verbali b'diversi arranġamenti kif minnha allegat f'punt nru 7 – din hija turija oħra li tali soċjeta' qiegħda tipprova tqarraq, u dana għax, filwaqt illi l-laqgħa attwalment saret u l-ftehim intlaħaq, dan sar bil-miktub u mhux verbalment, kif jidher fid-dokumenti hawn anness u mmarkat Dok. KG 1, u dana kien stipula illi s-soċjeta' ritrattanda kellha tħallas il-bilanċi *"dwar flejjes dovuti a rigward ta' import kif ukoll cheque mhux imsarraf"*, li kienu għamlu total ta' Lm5,122.09 u dana fi żmien ġimgħa mid-data tal-ftehim filwaqt illi s-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited kellha tneħħi l-mandati relattivi:

a. Minkejja tali ftehim, s-somma illi s-soċjeta' ritrattanda ntrabtet li tħallas, ma tħallsitx in intier, u tħallas biss is-somma ta' Lm4,000 permezz ta' erba' *cheques* illi kienu jiddatataw fern aktar 'il bogħod minn dak illi huma ntrabtu bih, u dana kif jidher fl-anness dokument immarkat Dok. KG 2. Għalhekk, il-ftehim magħmul mis-soċjeta' ritrattanda ma ġiex onorat filwaqt illi ġie onorat mis-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited illi, minnufih, ħarġet il-kontro-mandati relattivi, kif jidher fl-anness dokument immarkat Dok. KG 3.

b. Illi fil-ftehim bil-miktub magħmul dakinhar stess, ma hemm assolutament l-ebda referenza għal xi allegazzjonijiet ta' proceduri għal frodi mal-Pulizija, kif qiegħda tallega s-soċjeta' ritrattanda, u dana għax tali allegazzjonijiet qatt ma ssemmew u qatt ma kienu diskussi, u dana għax qatt ma tqajmu mis-soċjeta' ritrattanda u ġew imsemmija f'tali proċeduri biss, bil-għan illi jitfgħu dell ikrah ulterjormaent fuq is-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited.

3. Illi s-soċjeta' ritrattanda, wara l-ftehim hawn fuq indikat, ossija tat-8 ta' Ottubru 2007, naqset illi tidher quddiem dina l-Onorabbli Qorti, għalkemm debitament notifikata, u għalhekk fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2007, minkejja li s-soċjeta' ritrattanda kienet naqset milli tidher sabiex tiddefendi l-każ tagħha, l-konsulent legali tas-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited, b'turija ta' rispett lejn il-konsulent legali tas-soċjeta' ritrattanda, informa lill-Qorti illi kien hemm possibbilta' ta' tranżazzjoni u għalhekk talab illi l-kawża tiġi differita bl-isperanza illi l-kwistjoni tiġi riżolta;

4. Illi, minkejja tali differiment, is-soċjeta' ritrattanda baqgħet inadempjenti fil-ftehim minnha magħmul u baqgħet ma ħallsitx il-bilanċ minnha dovut u, apparti minn hekk, ma għamlet assolutament l-ebda sforz ta' kwalsiasi tip sabiex tipprova tasal f'xi tip ta' arranġament bonarju;

5. Illi, fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2007, is-soċjeta' ritrattanda reġgħet, għal darba oħra, ma dehritx filwaqt illi s-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited irriduċiet it-talba tagħha b' Lm4,000 *stante* illi dawn kienu tħallsu – il-konsulent legali tagħha nforma lill-Qorti illi l-arranġament bonarju ma kienx intlaħaq u nforma lill-Qorti illi kien ser jistrieħ fuq id-dokumentazzjoni illi kellha l-Qorti – għalhekk, il-kawża, illi kienet waħda intavolata a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li għalhekk kellha tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, ġiet deċiża tlett xhur wara li tali proċeduri nbdew, u dana unikament għax is-soċjeta' Customs and Freight

Agency Limited tawwlet iż-żmien unilateralment bl-isperanza illi tinstab soluzzjoni;

6. Illi, is-soċjeta' ritrattanda qiegħda tittenta l-proċeduri odjerni wara illi hija naqset illi tiddefendi l-każ tagħha u, biex tiġġustifika dana, hija tittenta titfa' dell ikrah, jekk mhux anke allegazzjonijiet infondati, kemm fuq is-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited kif ukoll fuq il-konsulent legali tas-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited, li dwaru qalet li żvijja lil dina l-Qorti diversement presjeduta;

7. Illi tali allegazzjonijiet huma foloz u fiegħa u jimmeritaw illi jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom;

8. Illi għar-rigward il-bażi ta' ritrattazzjoni mressqa mis-soċjeta' ritrattanda jingħad dan li ġej:

a. Is-sentenza ma tteħditx b'qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra, peress illi s-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited qatt ma qalet illi hija ma kellhiex titħallas dak lilha dovut u kienet biss is-soċjeta' ritrattanda li allegatu iżda qatt dehret fil-Qorti sabiex tgħid u tressaq tali allegazzjonijiet – għalhekk l-artikolu 811 (a) ma japplikax.

b. Ir-rikors ġuramentat ġie debitament notifikat lis-soċjeta' ritrattanda fis-17 ta' Ottubru 2007, kif anness mis-soċjeta' stess f'tali proċeduri, u għalhekk il-premessi tal-artikolu 811 (b) ma jissustux;

c. Id-dokumentazzjoni kollha li nġiebet quddiem din l-Qorti fil-Prim Istanza kienu d-dokumentazzjoni kollha ġja' fil-pussess tas-soċjeta' ritrattanda u għalhekk, il-bażi msemmija fl-artikolu 811(k) ma jreġix;

d. Is-sentenza qatt ma kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti, u dana għax is-soċjeta' ritrattanda qatt ma dehret fil-Qorti u s-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited mhux talli

m'aġixxietx b'mod leali lejn il-Qorti, talli rriduċiet it-talba tagħha qabel ma nfurmat 'il Qorti li kienet ser tistrieħ fuq il-provi li kien hemm.

9. Illi s-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited jew il-konsulent legali tagħha qatt ma mxew żlealment jew b'mod qarrieq fil-konfront tal-Qorti, u kulma riedet is-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited kienet illi tiġbor il-flejjes lilha dovuti, ħaġa illi s-soċjeta' ritrattanda għamlet minn kollox sabiex tevita u wasslet sabiex intavolat tali proċedura b'dan il-għan.

Għaldastant, is-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' Alpha Farma Limited, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' Customs and Freight Agency Limited u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2010 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Illi is-soċjeta' attriċi qed titlob li jsir is-smiegħ mill-ġdid tal-kawża msemmija a bażi tas-sub-inċiżi a,b, k u l tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12. Dawn is-sub-inċiżi jagħtu dan id-dritt:

*(a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq ta' waħda mill-partijiet għad-dannu tal-oħra;*

*(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat;*

*(k) jekk wara s-sentenza jkun instab dokument deċiżiv u li l-parti li ġġibu ma kienitx taf bih, inkella illi bil-mezzi li tagħti l-liġi ma setgħetx iġġibu qabel dik is-sentenza;*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;*

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma ampjament spjegati fir-rikors promoturi; in riassunt pero' s-soċjeta' konvenuta fetħet kawża kontra s-soċjeta' attriċi fejn talbet kundanna għall-ħlas ta' somma likwida. Fl-ewwel dehra d-difensur tal-allura soċjeta' attriċi nforma lill-Qorti li kienu għaddejjin trattattivi biex tiġi tranżatta l-kawża; fil-frattemp sar ftehim li *tramite* tiegħu kienu saru xi ħlasijiet – iżda skond is-soċjeta' attriċi ta' dakinhar ma kienx l-ammont miftiehem; fis-seduta ta' wara għalhekk l-istess difensur informa lill-Qorti li l-partijiet ma transiġewx; ippreżenta nota ta' riduzzjoni tal-ammont  mitlub u dakinhar stess, peress li s-soċjeta' konvenuta ma kinitx dehret għall-ebda seduta, il-Qorti ppronunzjat is-sentenza li qed tiġi attakkata b'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti għalhekk trid tinvestiga l-ewwel jekk tiskontrax qerq *ai termini* tal-Artikolu 811 (a) fuq imsemmi. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar 2001 fil-kawża fl-ismijiet **"Edgar Vella vs Joseph R. Grech"** qalet illi:

*"Dan id-dover mhuwiex faċli għaliex il-ġurisprudenza fir-rigward hija pjuttost skarsa  għal dak li jirrigwardja l-kunċett ta' 'qerq' li hija traduzzjoni fil-lingwa Maltija tal-kelma 'dolo' fit-test oriġinal bit-Taljan kemm fl-edizzjoni oriġinali tal-1854 kif ukoll fl-emendi sussegwenti li saru fl-1850 u fl-1886.  Fit-test fil-lingwa Ingliża ntużat il-kelma 'deceit' u għalhekk ukoll 'qerq' tfisser 'ingann'.  Għalhekk per eżempju b'qerq il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 1942 fl-ismijiet **"Pisani utrimque"** kitbet* mhux kwalunkwe <u>dolo</u> jew kwalunkwe <u>ingann ta' parti kontra l-oħra</u> *u għalhekk fik l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti ... fil-kawża **"Meilaq vs Camilleri noe"** tas-17 ta' Mejju 1989 ... kienet 'good law' ...  Loġikament l-ingann isir għad-dannu tal-parti l-oħra iżda hija l-Qorti li tiġi ngannata.*

L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Carmel Borg vs Henry Thake"** (deċiża fl-14 ta' Novembru 1997) qalet illi:

*"Is-sub-inċiż (a) tal-Artikolu 811 ma jagħtix lok għal ritrattazzjoni fil-każ li jkun hemm frodi.  Is-smigħ mill-ġdid jista' jiġi akkordat biss jekk is-sentenza tkun ittieħdet*

*b'qerq. Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu rriżultaw jew ma jkunux iridu jkunu relatati mal-meritu li pprovoka l-vertenza u il ġie trattat quddiem il-Qrati u minnhom deċiż imma jridu jkunu irriżultaw jew ikunu relatati mal-proċeduri deċiżi bis-sentenza appellata u bihom infiċċjata. Is-sub-inċiż jipprovdi għal smigħ mill-ġdid fil-każ fejn* <u>*is-sentenza*</u> *tkun ittieħdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi fit-talba tkun għal kreditu li oriġina minn aġir allegatament delittwuż jew qarrieqi tas-soċjeta' konvenuta. Il-qerq allura jrid ikun qerq ġudizzjarju, jiġifieri inerenti mal-proċeduri."*

Żewġ sentenzi li daħlu fil-fond tal-problema kienu dawk ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **"Edward Cassar vs Francis Sammut"** (12 ta' Frar 2004), u tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża **"Michael Cutajar vs Roberta Muscat"** (12 ta' Mejju 2003).

L-ewwel waħda fost affarijet oħra qallet illi:

*"Għar-rigward it-talba ta' ritrattazzjoni bbażata fuq qerq, tajjeb illi jingħad li oriġinarjament il-liġi kienet tippermetti ritrattazzjoni ' se vi e' stato dolo' mingħajr il-ħtieġa ta' raġġiri da parti f'kawża. Kien hem mil-biża' allura illi dan il-paragrafu seta' jintuża f'każ ukoll ta' 'dolo reale, ossia in re ipsa, e derivante dala lesion che venisse a soffrire col giudicao il soccombente nel caso di una ingiustizia' u allura dak il-paragrafu ġie emendat biex jiġi ċarat li r-ritrattazzjoni tista' tintalab biss f'każ ta' dolo personale (ara "Theuma Castelletti vs Chetcuti" deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Jannar 1873).*

*Dan ifisser li mhux kwalunkwe qerq jista' jwassal għar-ritrattazzjoni ta' kawża iżda hu meħtieġ illi dan ikun ipprattikat mill-parti l-oħra fil-kawża u s-sentenza ngħatat fuq ċirkostanzi li jirriżultaw minn dak il-qerq. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Borg vs Thake" (supra) qalet li biex tithassar sentenza fuq allegazzjoni ta' qerq irid jirriżulta li dak li jkun ġie impedut milli jressaq difiża għall-allegazzjoni tal-parti l-oħra… Dan ifisser li l-qerq użat irid ikollu effett fuq id-deċiżjoni b'mod li s-sentenza kienet tingħata kif ingħatat li ma kienx għall-qerq użat.*

*Fil-kawża **"Bugeja nomine vs Kummissarju tal-Art"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 2002 intqal li mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-oħra jista' jagħti lok għar-rimedju straordinarju tar-rittrattazzjoni iżda meta minħabba raġġiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti avversarja dan ikun ġie imqiegħed fl-impossibilta' ta' difiża ġusta u tajba (ara wkoll **Vol XXXI-1-231**).*

*Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeġġjat dan il-karattru bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza loġika li r-regoli li jiggovernawh huma ta' interpretazzjoni strettissima (**Vol XXVII-i-818**; **Vol XXVIII-i-584** u **XXII-1-385**). Diversament, taħt il-pretes ta' ritrattazzjoni il-litigant sokkombent ikun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza."*

Fis-sentenza l-oħra ġia' msemmija (**"Cutajar vs Muscat"**) il-Qorti tal-Appell qalet li *"l-qerq allura kellu jkun tali li jipprova lir-rittattand mid-dritt li adegwatament jiddefendi ruħu fil-kawża. Kellu allura jkun tali li qabel xejn ma setax jiġi vverifikat u kontrollat matul it-trattazzjoni tagħha. Dan għaliex il-verifika kellha ssir fiż-żmien proprju tal-proċess u ċioe' meta jkunu qegħdin jinġabru l-provi. (**"Cutajar vs Cachia"** Appell – 19 ta' Mejju 2000). L' omissione o l' insufficienza di difesa non e' per alcuno una giusta causa di ritrattazione. (**"Portelli vs Micallef"** – Qorti tal-Kummerċ, 16 ta' Novembru 1933).*

Kif huwa ċar fil-kawża odjerna m'huwiex dejjem faċli li wieħed jasal għal deċiżjoni għaliex kif ġia' ndikat il-Qorti, il-kunċett ta' qerq irid ikun ippruvat u jrid ikun deċisiv għall-fini tas-sentenza attakkata. Biex dan jirriżulta f'din il-kawża jrid allura jkun pruvat li d-difensur tas-soċjeta' issa konvenuta għamel dikjarazzjoni lill-Qorti li ma kinitx tirrispekkja s-sewwa. Madankollu, dan lil Qorti ma jirriżultalhiex, għaliex meta hu għamel id-dikjarazzjoni is-soċjeta' allura konvenuta m'għamlitx il-ħlasjiet kif indikati fit-tranżazzjoni u allura kien korrett l-istess difensur meta qal li dik it-tranżazzjoni ma kienitx seħħet. Jirriżulta in fatti ċar li filwaqt li Alpha Farma Limited kellha tħallas ammont

miftiehem fi żmien ġimgħa, hija preżentat lill-kontro-parti erba’ ċekkijiet li l-iktar wieħed viċin id-data li fiha sar il-ftehim kien *circa* ħmistax-il ġurnata wara (fol 18). Għalhekk qal is-sewwa d-difensur tas-soċjeta’ Customs and Freight illi s-soċjeta’ allura konvenuta m’aderixxietx għal ftehim u allura t-tranżazzjoni ma seħħitx. Fuq il-fatt li hija ma dehritx dakinhar biex tirribatti dak li ntqal ma tista’ twaħħal f’ħadd ħlief fiha nfisha. Dan għaliex fuq kollox kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **“Ersilia Calleja vs Franky Gambin”** (Appell mill-Bord li jirregola l-Kera – 21 ta’ Novembru 1997);

*“Jekk ... il-qerq jirrisjedi fil-fatt li xi Qorti ġiet żgwidata, allura wkoll ma jistax jissisusti l-qerq fit-termini ta’ dan is-sub-inċiż għaliex ir-ritrattand kellu kull opportunita’ u faċilita’ li jġib dan il-fatt li minn issa qed jilmenta a konjizzjoni tal-Qorti fil-mument opportun u a tempo debito.”*

Dan l-argument jirriżulta wkoll mill-fatt li anke għaliex il-lanjanza taħt is-sub-inċiż (b) u ċioe’ li s-soċjeta Alpha Farma ma kinitx notifikata bir-rikors hija palesament infondata; tgħid x’tgħid jirriżulta ċar mill-atti tal-kawża illi l-kopja relattiva tħalliet ma’ Mario Debono, direttur tal-istess soċjeta’, bil-karta tal-identita’ tiegħu indikata, fis-17 ta’ Ottubru 2007. Fuq din l-evidenza, ebda dikjarazzjoni tal-istess Debono li huwa qatt ma rċieva l-att in kwistjoni ma tista’ titwemmen.

Rigward il-lanjanza taħt is-sub-inċiż (k) jidher li s-soċjeta’ attriċi qed tirreferi għad-dokumenti li esebiet li minnu jidher li s-soċjeta konvenuta kienet qed titħallas minnha ta’ ammonti eċċessivi billi kienet qed tiġi addebitata ħlasijiet li suppost kienu qed jitħallsu mis-soċjeta’ msemmija lill-Air Malta meta fil-fatt is-somma kienet inqas minn dik addebitata. Dan probabbli li huwa minnu, madankollu dawn id-dokumenti setgħu kienu ġia’ a dispożizzjoni tad-difiża tagħha kieku kkontestaw il-kawża. Minflok, huma qatt ma dehru biex jiddefendu ruħhom mill-azzjoni attriċi dakinhar u ma jistgħux issa, kif ġia’ ġie msemmi, jilmentaw mal-Qorti li dawn id-dokumenti nstabu wara għaliex dan ma jirrispekkjax is-sewwa. Kull min jirċievi att

tal-Qorti għandu d-dover li jiddefendi ruħu minnu u m'għandux jiddisinteressa ruħu minn dan u wara jilmenta quddiem il-Qorti u jitlobha li l-kawża tinstema' mill-ġdid. Il-Qrati xogħlhom huwa li jiddeċiedu l-kawżi skond il-provi li jkollhom quddiemhom u mhux jagħmluha ta' difensuri ta' partijiet li ma jkollhomx ħin biex jiġu quddiemhom biex jippreżentaw il-każ tagħhom.

Fl-aħħarnett lanqas ma' l-Qorti ma tistax taċċetta l-lanjanza finali taħt is-sub-inċiż (l) li l-kawża in kwistjoni ġiet deċiża b'xi żball. Ma jirriżulta li sar ebda żball; il-Qorti, kif kellha d-dover li tagħmel, iddeċidiet fuq il-provi li tressqu.

Bħala konklużjoni l-Qorti se tiċċita bran (ċitat ukoll fil-kawża **"Vincent Azzopardi vs Blye Engineeing Co. Ltd"** – 28 ta' Jannar 2004 Prim' Awla – PS) li tħoss li huwa applikabbli ħafna għal din il-kawża;

*"Hija dottrina tradizzjonali illi jekk il-parti ma ġabitx il-prova mhux minħabba d-dolo tal-parti l-oħra, iżda għan-negliġenza tagħha, ma tkunx tista' wara li jkun hemm sentenza li għaddiet in ġudikat, tmur għar-rimedju hekk straordinarju (tar-ritrattazjoni) fil-proċedura ġudizzarja.* **(Kollezzjoni Vol XXIX P I paġna 1468).**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tiċħad it-talba attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta' attriċi Alpha Farma Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------